MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

L-Università ta' Malta

**ADVANCED MATRICULATION LEVEL**
**2024 SECOND SESSION**

| | |
|---|---|
| SUBJECT: | **Religious Knowledge** |
| PAPER NUMBER: | I |
| DATE: | 29th August 2024 |
| TIME: | 9:00 a.m. to 12:05 p.m. |

## THE SCRIPTURE AND THE CREED

Answer **THREE** questions: **ONE** from **each** section and a **THIRD** from any section.
All questions carry equal marks.

### SECTION A: THE CHRISTIAN BIBLE

1. The Exodus was a major act of deliverance by God, which gave God the right to expect certain things from the people he claimed his own. Discuss.

2. The prophets regularly reminded the people of God that this people could not save itself alone, nor could it be saved by the other surrounding nations. By referring to **TWO** major prophets, discuss who a prophet is, and the role of the prophet in the salvation of the people of God.

3. In the Synoptic Gospels there are similarities and differences. While the Gospel of Matthew is the first book of the New Testament, scholars throughout the past two centuries argued whether priority should be given to the Gospel of Mark or the Gospel of Matthew. Discuss.

4. Discuss the major differences in the Passion of Christ as recounted in the Synoptic Gospels compared to the Gospel of John.

### SECTION B: THE CREED

5. "Faith and reason give harmonious witness to the unity of all truth" (Pope John Paul II). Discuss.

6. "Where Christ is, there is also the Catholic Church" (Ignatius of Antioch). Discuss how Christ is present in the Church.

7. The Holy Spirit makes God known to humanity, leads to sanctification and plays an important role in the Christian life. Discuss.

8. "Are we aware that being apostles concerns every Christian? Are we aware that it concerns each one of us? Indeed, we are called to be apostles — that is, envoys — in a Church that, in the Creed, we profess as apostolic" (Pope Francis). In view of this statement, discuss the importance of the Creed's affirmation that the Church is apostolic.

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2024**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **It-Tagħlim Reliġjuż** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 29 ta' Awwissu 2024 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa-12:05 p.m. |

## L-ISKRITTURA U L-KREDU

Wieġeb **TLIET** mistoqsijiet: **WAĦDA** minn kull taqsima u t-**TIELET** waħda minn liema taqsima li trid. Il-mistoqsijiet kollha għandhom l-istess marki.

### TAQSIMA A: IL-BIBBJA

1. L-Eżodu kien att importanti ta' ħelsien minn Alla. Dan l-att ta lil Alla d-dritt li jistenna ċerti affarijiet mill-poplu tiegħu. Iddiskuti.

2. Il-profeti ta' spiss fakkru lill-poplu t'Alla li dan il-poplu ma setax isalva lilu nniffsu waħdu, u lanqas setà jiġi salvat minn ġnus oħra viċin tiegħu. Billi tagħmel referenza għal **ŻEWĠ** profeti kbar, iddiskuti min hu profeta u l-irwol tal-profeta fis-salvazzjoni tal-poplu t'Alla.

3. Fl-Evanġelji Sinottiċi bejniethom hemm kemm xebħ kif ukoll differenzi. Filwaqt li l-Evanġelju ta' Mattew huwa l-ewwel ktieb tat-Testment il-Ġdid, studjużi matul l-aħħar żewġ sekli argumentaw jekk għandhiex tingħata prijorità lill-Evanġelju ta' Mark jew ta' Mattew. Iddiskuti.

4. Iddiskuti d-differenzi ewlenin fil-Passjoni ta' Kristu kif imsemmija fl-Evanġelji Sinottiċi mqabbla mal-Evanġelju skont San Ġwann.

### TAQSIMA B: IL-KREDU

5. "Il-fidi u r-raġuni jagħtu xhieda armonjuża tal-għaqda tal-verità kollha" (Papa Ġwanni Pawlu II). Iddiskuti.

6. "Fejn hemm Kristu hemm ukoll il-Knisja Kattolika" (Injazju ta' Antijokja). Iddiskuti kif Kristu hu preżenti fil-Knisja.

7. L-Ispirtu s-Santu jagħmel lil Alla magħruf lill-umanità, iwassal għall-qdusija u għandu rwol importanti fil-ħajja Nisranija. Iddiskuti.

8. "Imma nafu aħna illi li tkun appostlu hi ħaġa ta' kull Nisrani? Nafu li tmiss lil kull wieħed u waħda minna? Fil-fatt, aħna msejħin biex inkunu appostli – jiġifieri mibgħutin – fi Knisja li fil-Kredu nistqarruha bħala appostolika" (Papa Franġisku). Fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni, iddiskuti l-importanza tal-affermazzjoni fil-Kredu li l-Knisja hija appostolika.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

**ADVANCED MATRICULATION LEVEL**
**2024 SECOND SESSION**

| | |
|---|---|
| SUBJECT: | **Religious Knowledge** |
| PAPER NUMBER: | II |
| DATE: | 30th August 2024 |
| TIME: | 9:00 a.m. to 12:05 p.m. |

## LITURGY AND CHRISTIAN MORALITY

Answer **THREE** questions: **ONE** from each section and a **THIRD** from any section.
All questions carry equal marks.

### SECTION A: LITURGY AND THE SACRAMENTS

1. "Holy Mother Church is conscious that she must celebrate the saving work of her divine Spouse by devoutly recalling it on certain days throughout the course of the year" (Sacrosanctum Concilium, 102). Discuss the evolution of the meaning of Sunday, highlighting its main developments throughout the ages.

2. Discuss the main developments in the practice and interpretation of the sacrament of Baptism, highlighting the implications of these developments.

3. Discuss the Christian interpretations of the term sacraments.

4. Discuss the role of the Sacrament of Holy Orders within God's plan for salvation, and how this sacrament is prefigured in the Old Testament.

### SECTION B: CHRISTIAN MORALITY

5. "The dignity of others is to be respected in all circumstances, not because that dignity is something we have invented or imagined, but because human beings possess an intrinsic worth superior to that of material objects and contingent situations" (Pope Francis). Discuss.

6. In what ways do the Christian beatitudes confront us with moral choices? Discuss.

7. "Sexuality affects all aspects of the human person in the unity of their body and soul. It especially concerns affectivity, the capacity to love and to procreate, and in a more general way the aptitude for forming bonds of communion with others" (CCC, 2332). Discuss.

8. "When he presents the heart of his redemptive mission, Jesus says: 'I came that they may have life, and have it abundantly' (Jn 10:10). In truth, he is referring to that 'new' and 'eternal' life which consists in communion with the Father, to which every person is freely called in the Son by the power of the Sanctifying Spirit. It is precisely in this 'life' that all the aspects and stages of human life achieve their full significance" (Evangelium Vitae, 1). Discuss.

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**IT-TIENI SESSJONI 2024**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **It-Tagħlim Reliġjuż** |
| KARTA NUMRU: | II |
| DATA: | 30 ta' Awwissu 2024 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa-12:05 p.m. |

## IL-LITURĠIJA U L-MORALITÀ NISRANIJA

Wieġeb **TLIET** mistoqsijiet: **WAĦDA** minn kull taqsima u t-**TIELET** waħda minn liema taqsima li trid. Il-mistoqsijiet kollha għandhom l-istess marki.

### TAQSIMA A: IL-LITURĠIJA U S-SAGRAMENTI

1. "Ommna l-Knisja mqaddsa tħoss li jmiss lilha li tiċċelebra b'tifkira qaddisa, f'jiem magħżula matul is-sena, l-opra tas-salvazzjoni tal-Għarus imqaddes tagħha" (Sacrosanctum Concilium, 102). Iddiskuti l-evoluzzjoni tat-tifsira tal-Ħadd, waqt li tenfasizza l-iżviluppi ewlenin tagħha matul iż-żminijiet.

2. Iddiskuti l-iżviluppi ewlenin fil-prattika u fl-interpretazzjoni tas-sagrament tal-Magħmudija. Fl-istess tweġiba enfasizza l-implikazzjonijiet ta' dawn l-iżviluppi.

3. Iddiskuti l-interpretazzjonijiet Insara għat-terminu sagramenti.

4. Iddiskuti l-irwol tas-Sagrament tal-Ordni Sagri fi ħdan il-pjan tas-salvazzjoni t' Alla, u kif dan is-sagrament insibu ħjiel tiegħu fit-Testment il-Qadim.

### TAQSIMA B: IL-MORALITÀ NISRANIJA

5. "Id-dinjità ta' ħaddieħor għandha tiġi rispettata f'kull ċirkostanza, mhux għax dik id-dinjità hija xi ħaġa li vvintajna jew immaġinajna, imma għax il-bnedmin għandhom valur intrinsiku superjuri għal dak ta' oġġetti materjali u sitwazzjonijiet varji" (Papa Franġisku). Iddiskuti.

6. Kif il-beatitudnijiet Insara jisfidawna fl-għażliet morali? Iddiskuti.

7. "Is-sesswalità tħaddan l-aspetti kollha tal-persuna umana, fl-għaqda ta' ruħha u ġisimha. Tinteressa l-aktar l-affettività, il-ħila li tħobb u tnissel, u, b'mod aktar ġenerali, il-ħila li toħloq rabta ta' komunjoni ma' ħaddieħor" (KKK, 2332). Iddiskuti.

8. "Ġesù, biex ifisser x'kienet il-qalba tal-missjoni tiegħu ta' fidwa, qal: 'Jiena ġejt biex ikollkom il-ħajja, u ħajja bil-kotra' (Ġw 10,10). Fil-fatt Ġesù kien qiegħed jitkellem dwar dik il-ħajja 'ġdida' u 'ta' dejjem' li hi xirka mal-Missier, u li għaliha kull bniedem hu, bla ħlas ta' xejn, imsejjaħ fl-Iben, bil-ħidma tal-Ispirtu li jqaddes. Iżda proprju f'din il-'ħajja' li jiksbu tifsir sħiħ l-aspetti u l-mumenti kollha tal-ħajja tal-bniedem" (Evangelium Vitae, 1). Iddiskuti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.